**29 ta' Novembru, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Avukat Dr. Joseph Desira Butigieg**

*versus*

**Emmanuele Cossai et.**

**Libell — Appell — Prova — Digriet Interlokutorju — Dokumenti — "Innuendo" — Kompensazzjoni — "Animus Retorquendi" — Rinunzja — Art. 427(4) u 436 tal-Kap. 12.**

*Għalkemm fir-rikors tal-appell ma jkunx hemm appell speċifiku minn digriet li bih il-Qorti t'Isfel irrespinġiet prova offerta quddiem dik il-Qorti, eppure dak l-appell hu ammissibbli; għaliex, b'liġi, l-appell fil-meritu jinkludi anki l-appell minn digriet interlokutorju.*

*B'dan kollu, jekk 'l-prova ġiet offerta meta l-kawża kienet ġa għas-sentenza, anzi propriu fl-istess jum li fih ġiet mogħtija s-sentenza, ma jistax jingħad li l-prova ġiet mill-Ewwel Qorti illegalment respinta; għax it-trattazzjoni kienet kon-*

*kluża; molto pjù jekk ma jidherx li dik il-prova kienet inaċċessibbli sa dak inhar, jew li ma setgħetx tiġi prokurata qabel. Għaldaqstant dik il-prova mhix producibbli fl-appell, anki jekk tkun tikkonsisti fl-eżibizzjoni ta' dokument.*

*F'materja ta' libell, verament mhux importanti li wieħed jara x'kellu f'rasu min kiteb artikolu inġurjuż f'ġurnal, għax l-importanti hu li wieħed jara x'jifhem iċ-ċittadin ordinarju ta' intelliġenza normali meta jaqra l-artikolu nkriminat. Imma, mill-banda l-oħra, wieħed għandu jara jekk l-artikolu nkriminat huwiex verament inġurjuż kif jippretendi l-kwerelant. Jekk l-artikolu hu ambigwu, u mhux tali li neċessarjament għandu joħroġ minnu l-"innuendo" li jrid jirrikava l-kwerelant, ma għandux jiġi ritenut li dak l-"innuendo" rriżulta; u allura wieħed għandu jara jekk l-artikolu huwiex inġurjuż fil-kumplament tiegħu. U jekk jirriżultaw inġurji oħra, dawn jistgħu jiġu dikjarati eliminati bil-kompensazzjoni, jekk ikun il-każ, jew bl-"animus retorquendi".*

*Jekk il-kwerelat kien ġa istitwixxa proċediment kontra l-kwerelant għall-inġurja dedotta b'kompensazzjoni, u dak il-proċediment kien spiċċa billi l-kwerelat, issa kwerelant, ġie liberat għax il-kwerelant, issa kwerelat, ma deherx, u ma jidherx li dak in-nuqqas ta' dehra kien dovut għall-fatt li l-kwerelant, issa kwerelat, ried jirrinunzja għall-azzjoni, b'daqshekk hu ma jitlefx id-dritt li jiddeduċi b'difiża tiegħu li hu ma kellux l-intenzjoni li jinġurja, imma dik li jirribatti l-inġurja li sofra.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni magħmula mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fuq talba tal-Avukat Joseph Desira Butigieg, talli fin-numru 832 tal-ġurnal "Is-Sebħ", li jġib id-data tat-23 ta' Ġunju 1958, Emmanuele Cossai, Joseph Micallef Stafrace, P.L., fil-kwalità tiegħu ta' editur ta' "Is-Sebħ", u Reginald Miller, fil-kwalità tiegħu ta' stampatur ta' is-"Sebħ", inġurjaw lill-kwerelant per mezz ta' artikolu ntitolat "Cossai jirrispondi", li jibda fl-ewwel kolonna tal-ħames paġina u jispiċċa fl-aħħar kolonna tal-paġina sitta tal-imsemmi numru ta' "Is-Sebħ";

*Omissis;*

Rat il-verbal li bih l-imputat Reginald Miller eċċepixxa li huwa ma kellu ebda konjizzjoni tal-artikolu qabel ġie stampat;

Rat il-verbal li bih il-kwerelant irrinunzja għall-kwerela in kwantu diretta kontra Reginald Miller;

Rat id-digriet tal-Ewwel Qorti, li bih, in vista tar-rinunzja tal-kwerelant a favur ta' Reginal Miller, iddikjarat il-proċediment għar-rigward tiegħu eżawrit;

*Omissis;*

Rat il-verbal li bih il-kwerelat J. Micallef Stafrace P.L., ammetta li hu l-editur ta' "is-Sebħ";

Rat il-ġurnal "Malta Tagħna" nru. 125 tas-7 ta' Ġunju 1958, eżibit mill-kwerelat Cossai huwa u jixhed;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Ottubru 1958, li biha lliberat lill-kwerelati Cossai u P.L. J. Micallef Stafrace mill-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom, u ordnat li l-ispejjeż jitħallsu mill-kwerelant; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Il-kwerelant fid-depożizzjoni tiegħu qal li huwa ħass ruħu nġurjat bl-artikolu in kwistjoni, u speċjalment urta ruħu għall-paragrafu ta' qabel l-aħħar fil-paġ. (6). Skond il-kwerelant, f'dan l-artikolu huwa jsib li ġiet attribwita lilu akkuża ta' sodomija. Meta kien student, kompla jgħid il-kwerelant, sħabu l-istudenti kienu jiċċajtaw miegħu li huwa kien sodomista, għax hu kien jimxi fuq il-ponot ta' subgħajh;

Qabel xejn, huwa xieraq li wieħed jeżamina dan il-paragrafu, li fih il-kwerelant isib l-akkuża ta' sodomija. Dan il-paragrafu huwa dan:— "Għandu gosti strambi. Proprju Desira Butigieg isejjaħ lili "tipaċċ abbjett"! Xi ħadd qalilna li dan Desira Butigieg kellu xi gosti strambi. Ma kontx tant kurjuż li nistaqsi x'setgħu kienu; imma min

din l-informazzjoni, jekk inhija vera, iddeduċejt li anki jista' jkollu d-delizzju stramb li l-mirja li għandu d-dar jippreferihom imdendla b'wiċċhom lejn il-ħajt...";

"Naħseb hekk", ikompli jgħid il-paragrafu susseg-wenti, u li huwa l-aħħar paragrafu tal-artikolu in kwist-joni, "għaliex kieku dan is-simpatiku avukat seta' aktarx jikkontempla b'liema ġmiel, b'liema ġenjalità u distinzjoni, huwa mgħoni t-tip tiegħu delikat, żgur li kien jipprova, jekk huwa possibbli, isejjaħ'i xi ħaġa agħar minn tipaċċ abb-jett";

Għar-rigward ta' dawn il-paragrafi, il-kwerelat Joseph Micallef Stafrace, xehed li huwa ma fehemx li f'dan il-paragrafu kien hemm akkuża ta' sodomija, deherlu li kien speċi ta' tgħajjira bejn in-nisa, bħal dik li tgħid lill-oħra "mur ara wiċċek fil-mera". Huwa ssuspetta li bejn il-kwe-relant u l-kwerelat Cossai kien hemm xi ħaġa bejniethom li jifmuha huma biss, imma qatt ma għaddietlu minn rasu l-akkuża ta' sodomija;

Il-kwerelat Cossai qal li, meta huwa kiteb dan il-paragrafu, huwa ma riedx jattribwixxi lill-kwerelant l-ak-kuża ta' sodomija, u ma kienx jaf biċ-ċajta li lill-kwere-lant, waqt li kien fl-Università, sħabu biċ-ċajt kienu jat-tribwilu din l-akkuża. Huwa dak il-paragrafu kitbu fis-sens ta' min, wara li jiġi mgħajjar ikraħ, jirrispondi lil min għajru "mur ara wiċċek fil-mera!" Lilu għajruh tipaċċ abbjett, u hu għajru bil-mera, billi ried jirrispondieh biex iħares fil-mera u jara minn huwa;

Ikkunsidrat;

Verament mhux importanti li wieħed jara x'kel'hom f'rashom il-kwerelati meta l-artikolu in kwistjoni ġie mik-tub u stampat, imma l-importanti huwa li wieħed jara x'jifhem iċ-ċittadin ordinarju, ta' intelliġenza normali, meta jaqra l-artikolu in kwistjoni. Dan il-prinċipju ġie rikonoxxut mill-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Re-ġina, Sedi tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Ġunju 1957, in re "Wenzu De Brincat vs. Dr. Carmelo Caruana", fejn ingħad illi l-ġudikant għandu jara x'inhu dak li jifhem

raġjonevolment bl-artikolu l-qarrej ta' intelliġenza ordinarja, u li ċċitat l-Odgers (Libel and Slander, p. 93), li jgħid:— "The question therefore is always how were the words understood by those to whom they were originally published. We must assume that they were persons of ordinary intelligence. We must assume, too, that they gave the ordinary words their ordinary meaning, to local... phrases their local... meaning. That being done, what meaning did the whole passage convey to an unbiassed mind?"

Issa huwa ċert li minn eżami akkurat tal-artikolu in kwistjoni wieħed ma jaibx fih li lill-kwerelant ġiet mitfuha l-akkuża li huwa sodomista. Il-fatt li fl-artikolu jingħad li l-kwerelant għandu gosti strambi, u li fid-dar huwa jħobb iżomm il-mirja b'wiċċhom lejn il-ħajt, ma jfisserx neċessarjament li huwa sodomista. Il-qarrej ordinarju, b'dawk il-kliem, jekk jifhem xi ħaġa, jifhem aktarx li l-kwerelant ma rax id-difetti tiegħu. Kieku fl-artikolu in kwistjoni kien hemm xi espressjonijiet oħra aktar ċari, bħal, per eżempju, li l-kwerelant iħobb jara l-istampi u l-figuri minn wara, forsi kien ikun il-każ li wieħed jaqbel ma' dak li qal il-kwerelant; imma l-artikolu kif ġie stampat ma jistgħax jiftiehem fis-sens pretiż mill-kwerelant;

**Ikkunsidrat;**

Ġie sottomess mill-kwerelant li sħabu tal-kors, li kienu jafu biċ-ċajta ta' bejniethom ta' meta huma kienu studenti fl-Università, mill-ewwel fehmu li f'dawk il-paragrafi kien hemm akkuża ta' sodomija. In korroborazzjoni ta' din issottomissjoni, id-difensur tal-kwerelant, li kien kollega tiegħu fl-Università, u li kien jaf b'din il-"joke" ta' bejniethom, xehed li meta huwa qara dan l-artikolu huwa mill-ewwel fehem li b'dawk il-paragrafi Cossai kien qiegħed jinsinwa li l-kwerelant huwa sodomista. Però, lanqas din issottomissjoni tal-kwerelant ma tista' tiġi milqugħa. Jista' jkun li min kien jaf b'din iċ-ċajta, taż-żmien ta' meta l-kwerelant kien student, kien jara f'dawk il-paragrafi akkuża ta' sodomija, imma dan ma jfisserx li ċ-ċittadin ordinarju kien jifhem dan l-artikolu f'dan is-sens; u n-numru ta' persuni li kienu jafu b'din iċ-ċajta huwa wisq

ristrett, u huma kienu jafu li din kienet ċajta; u ċertament fl-opinjoni ta' dan in-numru ta' persuni r-riputazzjoni tal-kwerelant ma ġiet qatt menomata *bil-qari* ta' dan l-artikolu;

Jgħallem W. Valentine Ball fil-ktieb tiegħu "The Law of Libel and Slander" li:— "An imputation is not defamatory merely because it is such as would injure a man's reputation in the eyes of some limited class of persons; it must be such as would injure it in the minds of ordinary, just and reasonable citizens" (Second edition, page 5). U fin-nota (k) fl-istess paġina, l-istess awtur jiċċita:— "So in Leetham v. Rank (1912), 57, *Sol. J. 111*, *Farwell, L.J.* expressed the view that it would not be enough to prove that the words rendered the plaintiff obnoxious to a limited class like the bakers of Bournemouth; it should be proved that the words produced a bad impression on the minds of average reasonable men";

Ikkunsidrat;

Illi, ladarba dawn iż-żewġ paragrafi tal-artikolu in kwistjoni ma jistgħux jiġu *nterpretati fis-sens pretiż mill-*konvenut, jibqa' li wieħed jara jekk l-artikolu kollu in kwistjoni fiehx xi nġurji lill-kwerelant;

Minn eżami ta' dan l-artikolu, taħt it-titolu "Cossai jirrispondi", l-ewwel parti ma tirrigwardax lill-kwerelant. Il-parti li tinteressa lil dan hija dik miġjuba taħt is-subtitolu "Lill-editur tal-Malta Tagħna'. F'din il-parti, il-kwerelat Cossai għajjar lill-kwerelant nullità politika, kalunnjatur u malafamatur. Issa, verament, li tgħid li wieħed huwa kalunnjatur u malafamatur *jikkostitwixxi nġurja*; però wieħed għandu jara f'liema sens dawk l-aġġettivi ġew użati. Infatti, dak l-artikolu in kwistjoni, kif jgħid ċar it-titolu tiegħu "Cossai jirrispondi", mhux ħlief risposta għall-artikolu l-ieħor miġjub fil-"Malta Tagħna" tal-31 ta' Mejju 1958, "Jitkellem Nerik Mizzi; min hu Cossai". F'dan l-aħħar artikolu ingħad li Nerik Mizzi kien akkuża li l-kwerelat Cossai ħa ġurament falz, li Miżżi qal li Cossai hu wieħed minn dawk ulied it-taljani li optaw favur is-sudditanza ngliża u ċaħad s-sudditanza taljana, u l-artikolu

spiċċa b'appell biex issir kawża ta' libell kontra (fil-kliem tal-ġurnal)) dan it-tipaċċ abbjett biex tkompli tinkixef dejjem aktar il-viljakkerija u d-diżonestà ta' dan it-taljan rinnegat";

Il-kwerelant huwa l-editur tal-"Malta Tagħna" u għalhekk il-kwerelat Cossai attakkah biex jiddefendi ruħu mill-inġurji li kienu rivolti kontra tiegħu. Issa, meta wieħed jiftakar fl-espressjonijiet inġurjużi rivolti kontra Cossai, ma jarahiex ħaġa kbira li dan Cossai, fil-waqt li kien qiegħed jirrespinġi l-akkużi rivolti kontra tiegħu, jgħajjar lil min kien akkużah kalunnjatur u malafamatur;

Għalhekk, meta dawn l-espressjonijiet jiġu eżaminati taħt dan l-aspett, ma jistgħax jingħad li dawk l-espressjonijiet huwa nġurjużi; u anki kieku, għall-grazzja tal-argument, dawn il-kliem kellhom jiġu kunsidrati bħala libellużi, huma kienu kompensati ad użura bl-espressjonijiet rivolti kontra l-kwerelat Cossai mill-ġurnal li tiegħu huwa editur il-kwerelant. Infatti, huwa magħruf li din id-difiża tal-kompensazzjoni tista' tinġieb ukoll fl-inġurja per mezz tal-istampa (ara f'dan is-sens Appell Kriminali 30 ta' Mejju 1953 in re "Thomas W. Hedley vs. Emmanuel C. Tabone et.");

Rat ir-rikors li bih il-kwerelant appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li l-kwerelati jiġu kundannati skond il-liġi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Għalkemm fir-rikors tal-appell ma hemmx appell speċifiku mid-digriet tal-Ewwel Qorti li bih ġiet respinta l-prova offerta mill-kwerelant bir-rikors tiegħu fol. 36 tal-inkartament, eppure dak l-appell hu ammissibbli; għaliex, b'liġi, l-appell mill-meritu jinkludi anki appell mid-digrieti interlokutorji (art. 427 (4) Kap. 12);

Dwar dan l-appell mid-digriet, ikkunsidrat;

*Il-prova ġiet offerta meta l-kawża kienet ġa għas-sentenza*, anzi proprju fl-istess jum li fih ġiet mogħtija s-sentenza. Ma jistgħax jingħad, għalhekk, li l-Ewwel Qorti rrespinġiet il-prova illegalment, ġa ladarba t-trattazzjoni kienet konkjuża; molto pjù li ma jidherx li dik il-prova kienet inaċċessibbli sa dak inhar, jew li ma setgħetx tiġi prokurata qabel. Għalhekk dik il-prova mhijiex issa producibbli, skond l-art. 436 Kap. 12, li ġie ġudikat estendibbli fl-applikazzjoni tiegħu anki għad-dokumenti (Kollez. Vol. XXVII-IV-742);

Fil-meritu;

Il-fatti tal-każ jirriżultaw superjorment mis-sentenza appellata. Il-kwerelant ħassu partikolarment inġurjat bil-kontenut tal-paragrafu ta' qabel l-aħħar fil-pagina (6) tal-ġurnal;

Il-kwerelant, għall-finijiet tal-azzjoni tiegħu, għamel, għar-rigward ta' dan il-paragrafu, dak li "in subjecta materia" jissejjaħ "innuendo", ċjoè huwa qal li hu jifhem dak il-bran bħala li qiegħed jattribwilu l-imputazzjoni ta' sodomija; u *kompla jgħid li, meta kien student, sħabu* kienu jiċċajtaw miegħu li hu kellu dawn it-tendenzi peress li kien jimxi fuq il-ponot ta' subgħajh;

L-Ewwel Qorti eskludiet il-libell, "inter alia" fuq ir-rifless li l-"innuendo" ma setgħax jiftiehem ħlief għal klassi ferm limitata ta' persuni. Milli jidher, però, il-prinċipju sostnut fl-awtoritajiet ċitati mill-Ewwel Qorti ma hux għal kollox paċifiku. Il-pont hu nvestit mill-Gatley, "On Libel and Slander", 1953 edition, page 134, fejn jidher li l-ġurisprudenza *ngliża hi pjuttost konfliġġenti in propożitu*, inkwantokkè, mentri fil-każ hemm ċitat, Cassidy vs. Daily Mirror, ġie deċiż li "If the defamatory meaning only arises from a knowledge of outside facts, and the persons to *whom the words are published are ignorant of these facts*, those persons could not reasonably attach a defamatory meaning to the words"; jew, kif fl-istess kawża qal Brett L.J., "They could not have been influenced in their understanding of the words by facts of which they were wholly unaware"; inveċe, fil-każ Hough vs. London Express, uko'l

hemm ċitat, page 134, ġie statwit illi " . . . . if words are capable of being understood in a defamatory meaning only by having knowledge of certain special facts, it is sufficient for the plaintiff (in an action against a newspaper) to allege and prove that there are persons who knew the special facts, and so might understand the words in a secondary and defamatory sense, wthout proving that any person did in fact understand them in that sense". "Eodem loco" hemm riportata deċiżjoni tal-Qorti ta' New South Wales, li ntroduċiet distinzjoni fil-prinċipju sanċit mid-deċiżjoni Hough vs. London Express fuq ċitat;

Fl-istess Gatley hemm ċitati, fin-nota nru. 7, paġ. 17, sentenzi oħra li rritenew li ma hemmx libell jekk il-kliem jifthemu bħala inġurjużi minn "a particular class or section of society" biss. Hemm ukoll ċitata sentenza tal-Qorti Suprema tal-Istati Uniti, li fiha ġie ritenut li jeħtieġ, biex ikun hemm libell, li l-kliem jifthemu bħala inġurjużi "in the eyes of a considerable and respectable class of the community";

L-Imħallef sedenti, però, hu ta' fehma li ma hemmx bżonn li tiġi nvestita din il-kwistjoni, għaliex il-kwistjoni prinċipali jekk dak il-paragrafu huwiex jew le libelluż tista' tiġi xjolta fuq bażi oħra;

Hu indubitat li l-paragrafu nkriminat hu "tutt' al più" ambigwu. Issa, għalkemm hu veru li r-regola antika li l-kliem għandhom jifthemu "in mitiori sensu" hi ormaj skartata, jibqa' veru li, kif jgħid l-Odgers, On Libel and Slander, page 113, "The Courts no longer strain to find an innocent meaning for words prima facie defamatory, neither will they put a forced construction on words which may fairly be deemed to be harmless". Issa, din il-Qorti, meta tqies li "standard" ta' "reasonable persons of ordinary intelligence", ma jidhrilhiex li l-kliem ta' dak il-paragrafu huma "reasonably capable of the meaning ascribed in the innuendo", għaliex mhux biss wieħed (anki jekk ikun fost dawk il-ftit li jafu bl-antefatt studentesk) irid jistirakkja biex jasal, u jaqa' għalhekk fid-difett ta' "forced construction", imma anki għaliex il-punt ma hux eżattament jekk l-imputazzjoni taċ-ċajta studenteska tistgħax tiġi b'xi mod

adattata minn dawk li jafu biha għall-kliem tal-paragrafu inkriminat, imma, aktar preċiżament, kif qal Lord Anderson in Duncan vs. Associated Newspapers, 1929, S.C. page 21 crt. of Sess, "whether the suggested innuendo is reasonable, whether, that is to say, it can reasonably be extracted from the language used";

Ikkunsidrat, dwar il-kumplament tal-artikolu inkriminat;

Din il-Qorti taqbel mal-Maġistrat li kull inġurja talvolta ravviżata fil-bqija tal-artikolu hi eliminata in bażi għall-kompensazzjoni, jew aktar eżattament in forza tal-"animus retorquendi" (ara Crivellari, Vol. VII, paġ. 1099);

Id-difiża osservat li, peress li l-kwerelat Cossai kien istitwixxa proċeduri għall-artikolu dedott in kompensazzjoni, u l-kwerelant odjern kien liberat, għalhekk ma hemmx lok għall-kompensazzjoni jew għad-dirimenti tal-"animus retorquendi". Ma jidherx li dan hu korrett. Il-kwerelant kien ġie liberat mhux fil-meritu, imma għaliex il-kwerelat odjern, allura kwerelant, ma kienx deher. Mill-attijiet annessi ma' din il-kawża ma jidherx li hu ma deherx għaliex ried jirrinunzja għall-azzjoni; dan apparti li r-rinunzji huma "di stretto diritto". Għalhekk ma tilefx id-dritt li jiddeduċi, b'difiża tiegħu, li hu ma kellux l-intenzjoni li jinġurja, "ritenendo che lo facesse non per denigrire l'avversario, ma per ribattere da sè l'ingiuria patita" (Crivellari idem);

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell tal-kwerelant u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-kwerelant. Onorarju tad-difensuri tnax il-xelin għas-seduta tat-22 ta' Novembru 1958, u għaxar xelini għal dik tal-lum.